Draft

**A.L. tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549.29

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Sabiex jingħata appoġġ għat-transizzjoni tal-Unjoni Ewropea għal ekonomija ċirkolari, u biex jiġu osservati l-ħtiġiet tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 12 tagħha, l-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiżgura li jkun hemm tnaqqis progressiv ta' *landfilling* tal-iskart, b'mod partikolari ta' skart li hu adatt għal riċiklaġġ u rkupru ieħor, u, permezz ta' ħtiġiet operattivi u tekniċi iebsin fuq l-iskart u l-*landfills*, hu li jipprovdu miżuri, proċeduri u gwida biex jiġu evitati jew jitnaqqsu sa fejn hu possibbli l-effetti negattivi fuq l-ambjent, partikolarment il-kontaminazzjoni tal-ilma tal-wiċċ, l-ilma tal-art, ħamrija u l-arja, u fuq l-ambjent globali, inkluż l-effett serra, kif ukoll ir-riskju li jirriżulta għas-saħħa tal-bniedem, mill-*landfilling* tal-iskart, matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-*landfill*.";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali"; u

(ċ) is-subregolament (4) għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'*landfills* kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2011/97/UE li temenda d-Direttiva 1999/31/KE fir-rigward ta' kriterji speċifiċi għall-ħażna ta' merkurju metalliku meqjus bħala skart u d-Direttiva (UE) 2018/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 May 2018 li temenda d-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'*landfills*.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "applikant" tfisser kull persuna li tapplika għal permess għat-tħaddim ta' *landfill* taħt dawn ir-regolamenti;";

* ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

Draft

(b) minnufih wara t-tifsira "skart bijodegradabbli" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart inerti" tfisser skart li ma jgħaddix minn xi trasformazzjonijiet fiżiċi, kimiċi jew bijoloġiċi sinjifikattivi. Skart inerti mhux ser jinħall, jinħaraq jew mod ieħor jirreaġixxi kimikament jew fiżikament, isir bijodegradabbli jew jaffettwa avversament materja oħra li magħha jiġi f'kuntatt b'mod li x'aktarx jagħti lok għal tniġġis ambjentali jew jagħmel ħsara għas-saħħa tal-bniedem. Il-kontenut totali ta' *leachate* u sustanzi li jniġġsu tal-skart u l-ekotossiċità tal-*leachate* għandha tkun insinjifikanti, u partikolarment ma tipperikolax il-kwalità tal-ilma tal-wiċċ u, jew tal-ilma tal-art;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "trattament", il-kliem "Il-frażijiet l-oħra kollha jkollhom l-istess tifsir bħal dak lilhom mogħti fir-Regolamenti dwar l-Iskart" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem li ġejjin:

"Il-kliem "skart", "skart perikoluż", "skart mhux perikoluż", "skart muniċipali", "produttur tal-iskart", "detentur tal-iskart", "immaniġġar tal-iskart", "ġbir separat", "irkupru", "preparazzjoni għall-użu mill-ġdid", "riċiklaġġ" u "rimi" għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-
L.S. 549. 63. regolament 4 tar-Regolamenti dwsr l-Iskart.".

**4.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "u l-ħamrija ta' taħt," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-ħamrija ta' taħt.";

(b) il-paragrafu (d) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-immaniġġjar tal-iskart mill-industriji estrattivi bbażati fuq l-art, jiġifieri l-iskart li jinħoloq mill-prospettar, l-estrazzjoni, ukoll fl-istadju ta' żvilupp ta' qabel il-produzzjoni, it-trattament u l-ħażna tar-riżorsi minerali u mill-użu tal-barrieri għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' atti leġiżlattivi oħra tal-

Draft

Unjoni.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdid li ġejja:

"Kwantitajiet massimi ta' skart muniċipali li għandu jintradam."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) Sal-2035 l-ammont tal-iskart muniċipali mormi f'*landfills* għandu jitnaqqas għal 10% jew anqas tal-ammont totali tal-iskart muniċipali ġġenerat (skont il-piż).

(4) Sal-2030 il-Ministru jista' jikkonsidra li jipposponi l-iskadenza biex tintlaħaq il-mira msemmija fis-subregolament (3) għal mhux aktar minn ħames snin, hekk iżda li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(6), 5(7), 5(8) u l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE*, kif emendata.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**6.** Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

Regoli dwar il-kalkolu tal-ilħiq tal-miri.

5A. (1) Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk intlaħqux il-miri stipulati fir-regolament 5(3) u (4):

(a) il-piż tal-iskart muniċipali ġġenerat u meħud għar-rimi f'*landfills* għandu jiġi kkalkulat f'sena kalendarja speċifika;

(b) il-piż tal-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament qabel ir-riċiklaġġ jew irkupru ieħor ta' skart muniċipali, bħas-separazzjoni jew it-trattament bijoloġiku mekkaniku, li sussegwentement jintrema f'*landfills* għandu jiġi inkluż fil-piż tal-iskart muniċipali rrappurtat bħala mormi f'*landfills*;

* ĠU L 182 16.7.1999, p. 1
** ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1

(ċ) il-piż tal-iskart muniċipali li jidħol fl-impjanti ta' rimi b'inċinerazzjoni u l-piż tal-iskart prodott fl-operazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-parti bijodegradabbli tal-iskart muniċipali sabiex sussegwentement jiġi mormi f'*landfills* għandu jiġi rrappurtat bħala mormi f'*landfills*;

(d) il-piż tal-iskart prodott matul operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jew ta' rkupru ieħor tal-iskart muniċipali li sussegwentement jintrema f'*landfills* m'għandux jiġi inkluż fil-piż tal-iskart muniċipali rrappurtat bħala mormi f'*landfills*.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema effettiv ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabilità tal-iskart muniċipali mormi f'*landfills* sabiex tiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1).

(3) Meta l-iskart muniċipali jiġi ttrasportat bil-baħar lejn Stat Membru ieħor jew jiġi esportat mill-Unjoni għall-finijiet tar-rimi f'*landfills*, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, għandu jingħadd mal-ammont ta' skart mormi f'*landfills* f'Malta, f'konformità mas-subregolament (1).".

**7.** Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

(a) ir-regolament 6 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1);

(b) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-iskart li ġej ma għandux ikun aċċettat f'*landfill*:

- skart likwidu;
- skart li, fil-kondizzjonijiet ta' *landfill*, huwa esploživ, korroživ, ossidizzat, jieħu n-nar malajr jew jieħu n-nar kif imfisser fl-Iskeda 3 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549. 63.

Draft

- skart tal-isptar u skart kliniku ieħor li joħroġ minn stabbilimenti mediċi u veterinarji, li huwa infettiv kif imfisser mill-proprjetà HP9 tal-Iskeda 3 tar-Regolamenti L.S. 549. 63. dwar l-Iskart u sustanzi kimiċi ta' skart ġejjin minn riċerka jew żvilupp jew attivitajiet ta' tagħlim li mhumiex identifikati u, jew huma ġodda u li l-effetti tagħhom fuq il-bniedem u, jew l-ambjent mhumiex magħrufa (eż. fdalijiet tal-laboratorju, eċċ.);

- *tyres* sħaħ użati, esklużi *tyres* użati bħala materjal tal-inġinerija u *tyres* tar-roti u *tyres* bid-djametru ta' barra ogħla minn 1,400 mm;

- *tyres* użati mqattgħin esklużi *tyres* tar-roti u *tyres* bid-djametru ta' barra ogħla minn 1,400 mm;

- kwalunkwe tip ieħor ta' skart li ma jissodisfax il-kriterji ta' aċċettazzjoni stabbiliti skont l-Iskeda 2;

- skart li jkun inġabar b'mod separat għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ skont ir-regolament 10 tar-L.S. 549. 63. Regolamenti dwar l-Iskart, bl-eċċezzjoni tal-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament sussegwenti tal-iskart miġbur b'mod separat li għalih ir-rimi f'*landfill* huwa l-aħjar eżitu ambjentali skont r-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

- kwalunkwe tip ieħor ta' skart li l-awtorità kompetenti tiddikjara bħala li mhux aċċettabbli f'*landfill*."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li

Draft

ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ħilitha, permezz, *inter alia*, tal-ħruġ ta' linji gwida u, jew ta' permess għat-tħaddim ta' *landfill*, biex tiżgura li mill-2030 'il quddiem, l-iskart kollu li jkun adatt għar-riċiklaġġ jew għal irkupru ieħor, b'mod partikolari l-iskart muniċipali, ma jiġix aċċettat f'*landfill* bl-eċċezzjoni tal-iskart li għalih ir-rimi f'*landfills* jagħti l-aħjar eżitu ambjentali
L.S. 549. 63. f'konformità mar-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

L-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda skont dan is-subregolament għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart imsemmija
L.S. 549. 63. fir-regolament 28 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, jew f'dokumenti strateġiċi oħra li jkopru t-territorju sħiħ ta' Malta.".

**8.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "perikoli għas-saħħa umana jew għall-ambjent." għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

"L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri meħuda skont dan is-subregolament ma
L.S. 549. 63. jipperikolawx l-ilħiq tal-għanijiet tar-Regolamenti dwar l-Iskart, speċifikament fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart u taż-żieda fil-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stipulat fir-regolament 4A ta' dawk ir-regolamenti.".

**9.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Waste Management Regulations" għandhom jidħlu l-kliem "Waste Regulations".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

**11.** Fir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "regolament 10(a)(iv)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "regolament 10(1)(d)".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

**12.** Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

Draft

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kontroll ta’ Moviment Transkonfini ta’ Sustanzi Tossiċi u Sustanzi oħra)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta’ Skart)"; u

(b) fis-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kontroll ta’ Moviment Transkonfini ta’ Sustanzi Tossiċi u Sustanzi oħra)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwarl-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta’ Skart)".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

**13.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "aġenzija kompetenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "laboratorju kompetenti".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**14.** Minnufih wara r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied r-regolament ġdid li ġej:

"Strumenti biex tiġi promossa bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari. L.S. 549. 63.

17A. Sabiex jikkontribwixxi għall-oġġettivi stabbiliti f’dawn ir-regolamenti, il-Ministru għandu juża strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdi inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart taħt ir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart. Tali strumenti jistgħu jinkludu dawk indikati fl-Anness IVa tad-Direttiva 2008/98/KE jew strumenti u miżuri xierqa oħra.".

Jemenda l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**15.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu 3.5 għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"3.5 The method for the determination of the permeability coefficient for landfills, in the field and for the whole extension of the site, shall be determined by the Commission through the adoption of implementing acts in accordance with article 15b of Directive 1999/31/EC.".

Jemenda l-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**16.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"5. Sampling of Waste

The Commission shall adopt implementing acts in accordance with article 15c of Directive 1999/31/EC, to develop a standard for sampling of waste.

Draft

Provided that until such implementing acts are adopted, national standards and procedures shall apply.".

**17.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tal-paragrafu 2 tal-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "The operator shall supply information on the methodology used to collect meteorological data *(in situ*, national meteorological network, etc.)." għandhom jiġu mħassra.

Jemenda l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**18.** Fir-regolamenti prinċipali, il-kliem "skart inattiv", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skart inerti".

Jemenda diversi dispożizzjonijiet tar-regolamenti prinċipali.

Draft